MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2012

Avviz Numru. 362/2008

**Reno Tonna (KI.Nru. 492777(M))**

**Vs**

**GO p.l.c. (C 22334) gja' Maltacom p.l.c.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attur talab sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-attur is-somma ta' disghat elef, mitejn u erbgha Ewro u centezmu wiehed (€9204.01) bilanc lilu dovut in konnessjoni ma' xoghol ta' thaffir ta' trinek fl-Exchange ta' Birkirkara u dan fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data li l-pagament kien dovut, sa l-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 11 ibid) u li biha ecepiet bir-rispett:

1. Illi din il-kawza qed issir, skond l-attur, ghal hlas bilancjali ta' €9,204.01 in konnessjoni ma xoghol esegwit mill-istess attur.
2. Illi dan ix-xoghol sar wara sejha pubblika biex in konnessjoni ma titjieb (upgrade) tal-exchange tat-telefon ta' Birkirkara.
3. Illi s-Socjeta' esponenti diga effettwat il-hlas kollu dovut skond il-ftehim bejn il-partijiet.
4. Illi wara li saru x-xogholijiet l-attur unilateralment dehrlu li kien ghamel aktar xoghol milli kien mistenni minnu skond il-ftehim u / jew biex esegwixxa x-xoghol mehtieg htieglu aktar sforz minhabba diffikultajiet li ltaqgha maghhom u ghalhekk ukoll unilateralment zied ir-rati ta' hlas u qed jippretendi hlas ulterjuri.
5. Illi <u>minghajr pregudizzju</u> s-socjeta' esponenti kienet lesta li zzid il-hlas skond konteggi u kejl li saru mill-ufficjali taghha, izda l-attur ma accettax u baqa' jinsisti ghal hlas kif issa qed jitlob f'din il-kawza.
6. Illi ghalhekk it-talbiet maghmula mill-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.
7. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-<u>noti</u> rispettivi tal-partijiet a fol 65 u fol 70 et seq ibid.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u> (fol 16, fol 42, fol 45, fol 51 et seq ibid) spjega li, wara l-hrug ta' 'tender', hu kien gie inkarigat mis-socjeta' konvenuta sabiex jesegwixxi xoghol ta' thaffir ta' trinek u xoghol iehor relatat inkluz it-tqeghid ta' konkos u 'tarmac' fl-'exchange' tas-socjeta' konvenuta f'Birkirkara (ara fol 21, fol 22, fol 23 tal-istess atti). Ta' dan ix-xoghol l-attur kellu jithallas l-ammont ta' Lm2,458 kif originarjament miftehma u skond il-pjanta tax-xoghol. Difatti wara li gie assenjat l-appalt hu kien ltaqa fuq il-post ma' Patrick Theuma, impjegat mas-socjeta' konvenuta u dan qallu "…

trid thaffer minn hawn s’hawnhekk skond il-pjanta li kien qed jurini wkoll fuq il-post”. In rigward il-bidu tax-xoghol kien intqal lilu li l-‘cable’ involut ma kienx ghadu wasal u ghalhekk “… qalli biex nistenna”. Inoltre, meta x-xhud kien qallu li, ghall-iskavar, kien ser jintuza ‘trencher’, intqal lilu sabiex joqghod attent peress li, mill-post kien hemm ghaddejjin ‘cables’ ta’ ‘high tension’ li minnhom “certi … kienu jafu bihom u ohrajn ma kienux waqt li uhud minnhom kienu jiffunzjonaw ohrajn le”. Inoltre fil-post, kien hemm kamra u hawnhekk li kien hemm diversi ‘cable’u ‘cabinets’ ossija ‘computers’ liema ‘cables’ kienu tas-socjeta’ konvenuta u tal-Korporazzjoni Enemalta. Kien hawnhekk li Patrick Theuma qallu li “… ghandu jsir ix-xoghol bl-idejn biss”. Dak il-hin stess l-attur qal lill-iehor li “…. Meta harget, it-‘tender’ dan ma kienx fit-‘tender’ u meta ghamilt l-offerta ma kontx naf illi x-xoghol kell(u) jsir bl-idejn”. Filfatt, wara gimgha, ltaqa fuq il-post tax-xoghol ma Silvan Lia (wara korrett ghal Patrick Dalli) impjegat iehor u dan qallu li hu mportanti li ma jintuza ‘trencher’ f’din il-parti tax-xoghol sabiex hadd ma jwegga u ma issirx hsara fil-‘cables’. Ix-xhud ghalhekk qallu li “…kellu jkun hemm prezzijiet ohrajn” u “… biex ma ninkwetax” u “… fejn kellu jkun hemm xoghol bl-idejn jien kont nithallas ghalih” peress li “(dan ix-) xoghol mhux imnizzel fl-offerti (u) kont ser nithallas tieghu ghal dan l-’extra work’”. Eventwalment ix-xoghol inbeda meta s-socjeta’ konvenuta qaltlu li seta jibda izda bil-‘cables’ immarkati biss ‘in parte’. Minhabba dan, fl-ewwel jum tax-xoghol, it-‘trencher’ seta jintuza biss ghal ghoxrin minuta, pero, l-ghada kien inghata l-informazzjoni kollha u ghalhekk seta’ jitkompla x-xoghol bl-uzu ta’ dan il-makkinarju. In rigward fejn kien hemm il-’cables’ ghaddejjin ix-xoghol sar bl-idejn, permezz ta’ ‘jack hammer’ waqt li t-‘trencher’ ma tantx intuza.

Eventwalment, ix-xoghol kollu kien tlesta anke jekk tardivament izda minghajr lment da parti tas-socjeta’ konvenuta u anke minhabba xi dewmien fil-wasla tal-‘cable’ il-gdid. Ghalhekk hu hareg il-kontijiet relattivi wara li hu u Silvan Lia hadu il-kejl. In rigward il-kontijiet, dawn gew diskussi ma Silvan Lia u “dan ammetta li jiena kont ghamilt l-‘extra work’” izda “… jsibha difficli jiggustifika l-

fatt li l-‘extra work’ gie aktar mit-‘tender’ originali”. Filfatt, hu kien thallas skond it-‘tender’ originali cjoe s-somma ta’ Lm2458 izda permezz a’ korrispondenza, sostna li kellu jithallas tax-xoghol li kien sar bhala ‘extra’ (ara fol 24 sa fol 34 ibid). Minn dawn id-dokumenti jigi notat illi s-socjeta’ konvenuta minghajr pregudizzju kienet accettat li thallas is-somma ulterjuri ta’ Lm1350.08 u mhux Lm3998.52 kif pretiz mill-attur (fol 26 ibid), li l-attur kien inkariga lill-Perit Dieter Falzon sabiex skond ir-rata fit-tender originali jikkwantifika l-ammont dovut lilu a bazi ta’ liema dokument hu kkalkola l-ammont pretiz minnu (fol 33 u fol 34 ibid). Pero hu sema’ ukoll li “… il-Perit mexa’ a bazi tal-prezzijiet skond l-offerta originali, ta’ dak ix-xoghol li ma kienx imnizzel fl-offerta tajtu l-prezzijiet jiena” u “‘It-Trencher’ li semmejt qabel ma kienitx tieghu izda ta’ kuntrattur iehor, dina tinkera erba’ mitt lira Maltin kuljum” (ara fol 49 ibid). In rigward il-hlas ta’ dan l-ingenju, dan kien sar bit-tpacija ma materjal ta’ bini. Izda dwar dan tal-ahhar, hu sussegwentement biddel dak li qal u minflok materjal ta’ bini semma’ ‘gaffa’. Inoltre skond id-dokument gja msemmi (a fol 49 ibid) jidher li kien kera l-istess ‘trencher’ bir-rata ta’ Lm40 fis-siegha ghal tlettax- il-siegha b’kollox Lm520 bil-konsenja issir fid-29 ta’ Mejju 2007 u r-radd lura l-ghada t-30 ta’ Mejju 2007 izda ma sab l-ebda dokument dwar l-imsemmija tpacija (ara dak li xehed il-<u>Perit Dieter Falzon</u> a fol 47 et seq ibid dwar id-dokument a fol 33 u fol 34 fejn specifika li dak deskritt bhala ‘<u>variations</u>’ kien ix-xoghol ‘extra’ involut f’din il-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi gie prodott mis-socjeta’ konvenuta <u>Silvan Lia</u> (fol 54 u fol 60 et seq ibid) impjegat maghha bhala ‘quantity surveyor’ ukoll beda billi qal li waqt li l-attur kien qed jesegwixxi x-xoghol, gie skopert li kien hemm ‘cable’ li kien hemm ‘ad insaputa’ tal-istess socjeta konvenuta, liema ‘cable’ kien pero ‘mejjet’ . Inoltre kien hemm ‘cables’ ohrajn u ghalhekk “… konna avzajna lill-kuntrattur sabiex … jsir skavar lokali u mhux minn ‘trencher’”. Ix-xhud zied li s-socjeta’ konvenuta ma kienetx taf li l-‘cable’ imsemmi kien ‘mejjet’ . Ghalhekk ix-xoghol gie esegwit

b'makkinarju zghir u anke bl-idejn. Minhabba hekk, ix-xoghol in kwistjoni ha aktar fit-tul, bhala zmien. Inoltre l-attur talab li jithallas ta' dan ix-xoghol kif esegwit. Meta x-xhud ircieva dan il-kont kif mizjud, hu talab spjegazzjoni tal-istess kont u wara diskusjoni kienet saret kontro proposta a bazi ta' rati differenti in rigward it-thaffir ta' trinek u xoghol ta' skavar fil-kamra peress li dawk specifikati mill-attur kienu jidhru esagerati waqt li kien accetta certi ohrajn deskritti bhala ragjonevoli specifikatament u unikament dwar il-waqfien tat-'trencher'. Din il-laqgha, kif ukoll ohra, pero' ma kellhomx esitu posittiv. L-istess xhud irrediga u esebixxa 'comparative schedule' ossija 'imparative list of costs' (fol 58 ibid). F'dan id-dokument wiehed jista' jara dak li, skond l-attur kien dovut lilu inkluz l-ammont originali mhux kontestat u gja imhallas u fuq in-naha l-ohra dak propost mis-socjeta' konvenuta ghax-xoghol kollu, ukoll. Minn dan wiehed jista' jara differenza pjutost ampja specifikatament fir-rati ta' 'excavation by trencher' u 'by hand' u 'construction of culvert' b'dan tal-ahhar b'rati pjuttost vicini f'dak propost bhala kompromess mis-socjeta' konvenuta. Fit-tieni okkazzjoni meta xehed, hu qal li lill-attur kien filfatt qallu sabiex jesegwixxi x-xoghol deskritt bhala 'extra' bl-idejn anzi nofsu b'referenza ghat-trinka bit-'trencher' u l-kumplament bl-idejn cioe b'jack hammers' u makkinarju iehor. Dwar marki li jindikaw fejn seta' kien hemm 'cables', hu ma setax jghid jekk kienx hemm xi dewmien minhabba dan. Hu qabel ukoll li l-attur kellu jaghmel xoghol f'dik il-kamra li di gja ssemmiet li minnha kienu ghaddejjin hafna 'cables' deskritti minnu bhala perikoluzi. Ghalhekk "Madwar il-'cables' kien hemm xoghol li kellu sjir u dan bilfors sar bl-idejn". Inoltre "…. <u>It-tnejn qeghdin naqblu fuq ix-xoghol li sar u l-kejl , m'ahniex qed naqblu fuq ir-rati u fuq il-prezz"</u>.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-premess, jidher car, specjalment mill-ahhar sentenza kif citata u sottolineat, lmenta illi l-kontestazzjoni f'dan il-kaz tirreferi ghall-'quantum' li ghandu jithallas l-attur in konnessjoni ' max-xoghol 'extra' esegwit minnu u

li, b'mod evidenti, ma kienex inkluz fl-appalt originali assenjat lill-istess attur.

Illi, certament, dan ix-xoghol 'extra' ma kellux jsir minhabba xi nuqqas ta' fatt jew fid-dritt, da parti tal-istess attur li sab ruhu rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni minhabba cirkostanzi li ma jistghux jigu addebitati lilu. Illi, pero, dwar ir-rati u prezzijiet ta' xoghol, jew prodotti provi li ghandhom jigu konsiderati bhala ' ex parte' u ghalhekk il-Qorti mxiet u ddecidiet dan il-kaz bhala ' arbitrio boni viri' u fuq il-bazi ta' 'in media res stat virtus' l-ahjar kriterju f'kazijiet bhal dawk in esami.

Illi ghalhekk u sabiex issir kemm jista' jkun gustizja bejn il-partijiet, il-Qorti rat li l-attur isostni li ghax-xoghol in esami hu qed jippretendi Lm6409.63 waqt li s-socjeta' konvenuta lesta li toffri Lm3808.43 b'differenza ta' Lm2601.20. Ghalhekk ser takkorda lill attur is-somma ta' Lm1300.60 ossija €3029.58 nofs id-differenza kif ammontanti.

Illi in rigward l-eccezzjonijiet in esami certament ma jistghux jigu akkolti t-tielet (3) u r-raba' (4) eccezzjoni peress li rrisulta' b'mod car, li hemm ammont dovut lill-attur peress li dan gie rinfacat b'cirkostanzi mhux kontemplati fit-'tender' originali assenjat lilu u ghalhekk l-istess attur hu gustifikat li jitlob hlas ulterjuri. Pero minn naha l-ohra, l-ammont pretiz fir-rikors promotur u baqa fuq rati u prezzijiet decizi unilateralment mill-istess attur, li sahansitra ma setax jghid, bi precizjoni, kif hu hallas ghal kiri ta' 'trencher'. Dan li inghad ser jigi rifless fit-talba ghall-ispejjes ta' dawn il-proceduri liema spejjes ghandhom jithallsu nofs (1/2) kull wiehed u wahda mill-partijiet. In rigward l-imghax dan ser jibda jiddekorri mid-data tallum permess li trattasi ta' ammont 'da liquidarsi' kontestat.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa 'in parte' it-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm1300.60 ossija €3029.58 bl-imgahx legali mit-23 ta' Ottubru 2008 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes dawn ghandhom jithallsu nofs (1/2) kull wiehed u wahda mill-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------